



8.6.2015

0023/2015

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

impressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-produzzjoni ta' metamfetamina mill-mediċini li fihom il-psewdoefedrina

Kateřina Koneċn (GUE/NGL), Enrico Gasbarra (S&D), Petr Jeřek (ALDE), Pavel Teliċka (ALDE), Martina Dlabajov (ALDE), Olga Sehnalov (S&D), Miloslav Ransdorf (GUE/NGL), Jiř Mařtlka (GUE/NGL), Cornelia Ernst (GUE/NGL), Bas Eickhout (Verts/ALE), Michaela řojdrov (PPE), Dita Charanzov (ALDE)

Data ta' skadenza: 8.9.2015

Dikjarazzjoni bil-miktub, sont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura, dwar il-produzzjoni ta' metamfetamina mill-mediċini li fihom il-psewdoefedrina¹

1. Il-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-metaamfetamina hi assoċjata mhux biss mal-bażi tal-produzzjoni iżda wkoll ma' bażi dejjem akbar ta' konsum f'bosta pajjiżi tal-UE. Il-konsum tal-metamfetamina żdied b'mod sinifikanti fl-2013 fl-UE u fid-dinja.
2. Ix-xejra persistenti fil-produzzjoni tal-metamfetamina għall-estrazzjoni tal-psewdoefedrina minn mediċini mingħajr riċetta, u l-kisba ta' psewdoefedrina bħala l-prekursur ewlieni għall-produzzjoni tal-metamfetamina fir-Repubblika Ċeka u għandha rabta ma' bosta pajjiżi Ewropej bħall-Polonja, il-Bulgarija, il-Greċja, it-Turkija, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Ġermanja.
3. Iż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni tal-laboratorji mediċinali qed iżżid il-kwantità ta' skart tossiku, li mbgħad jispiċċa fl-ilma u fl-annimali selvaġġi.
4. Ix-xejra attwali tal-mediċini li fihom il-psewdoefedrina hi l-importazzjoni mill-hekk imsejħa rotta tal-Balkani.
5. Ir-regolamentazzjoni ta' bejgħ ta' mediċini attwalment mhux regolati li fihom il-psewdoefedrina hi parti importanti fil-ġlieda kontra l-manifatturi tal-metamfetamina.
6. Għalhekk nappellaw lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex irawmu l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-proċeduri li jwasslu għar-restrizzjoni tal-aċċessibilità ta' mediċini li fihom il-psewdoefedrina fl-UE.
7. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.